QLUB TAJBIN.

Eleonora kienet bejn imdejqa u bejn ferhana; imdejqa ghaliex kienet ser titbieghed minn ohta t-tewmija Julia  u mill-genituri taghha ghal sentejn u ferhana ghaliex kienet ser tibda' zmien ta' studju aktar profond wara l-gradwazzjoni taghha bhala tabib. Ikoll gharfu t-taqbida li kienet ghaddejja minnha Eleonora u lkoll ghamlulha qalb u kuragg ghaliex dan il-pass kien ser jiswielha hafna fil-hajja taghha. "Wara kollox," qaltilha Julia, "ahna  telefona boghod biss minn xulxin." Ommha ghenitha tpoggi hwejjigha fil-bagalja u l-ghada filghodu kmieni kienet fuq l-ajruplan fi triqtha lejn Oxford University go Londra. Billi zijitha Jane kienet toqghod Londra ghax kienet mizzewga ex-uficcjal tan-Navy Ingliza, offritilha biex toqghod maghha matul iz-zmien tal-kors.

Hija waslet Londra erbat ijiem qabel beda' l-kors u uzatu biex thejji ruhha sew halli tibda' l-istudju taghha intensiv  gewwa l-Universita' ta' Oxford. L-ewwel jiem taghha fl-Universita' hassithom li ddisorjentawha, imma zaghzugh jismu Thomas meta raha imhawda, resaq lejha u offrilha l-ghajnuna tieghu biex thossha kunfidenti fil-post il-gdid. Ratu anglu qisu niezel mis-sema!  Ta' kull filghodu qabel il-lezzjonijiet kienu jiltaqghu u jghidu kelmtejn u kulhadd jitlaq ghar-rasu billi Thomas kien qed jattendi kors differenti.

Kienet diga' erba xhur l-Universita' u z-zmien taghha kienet tqattghu tistudja sat-tard bil-lejl. L-uniku mistrieh li kienet tgawdi kien il-Hadd  meta wara nofsin-nhar kienet tohrog ma' zijitha ghal xi dawra fil-park. Imma issa li kien qorob zmien il-

Milied u t-temp kien wiehed kesah u jhedded bix-xita u s-silg kienu joqghodu bosta drabi gewwa u flimkien ma' zijuha kienu jilghabu l-karti.

Imma dan il-Hadd  in-nisa riedu li jbiddlu ftit ir-rutina. Riedu jmorru go pub qrib id-dar taghhom. Iz-ziju James kien jobghodhom iz-zjajjar fil-pubs u ma riedx imur. La darba ma riedx jaghmillhom kumpanija, in-nisa marru wahedhom. Gibdu t-triq lejn "The Irishman Pub" pub antik, imma frekwentat hafna. Elenora qatt ma kienet dahlet hawn u baqghet imbellha kemm kien sabih. Kif tidhol mill-ewwel kont tinduna li kien ta' Irlandiz ghaliex faccata tad-dhul kien hemm statwa ta' San Patrizju.  Imma sid il-pub billi kien qieghed fuq territorju ingliz ried jaghmel kompromess. Faccata ta' San Patrizju kien hemm imdendel kwadru kbir ta' pittura tar-Regina Elizabetta bil-kliem Long live the Queen. It-tnejn kien imdawra bil-haxix tal-Milied u bil-dawl iteptep. Sitt kolonni kbar kienu jzommu s-saqaf kollu xbihat ta' angli u personaggi mitologici. Hafna nies kienu bilqieghed jpacpcu u jixorbu l-birra filwaqt li dawk ta' hdejn il-bank principali tal-bar kien jiddiehqu u jkantaw.

Elenora u zijitha intasbu bilqieghda fuq mejda u minghajr telf ta' zmien waitress giet taqdihom. Kull wahda ordnat birra u xi haga xi jteftfu. l-diskors waqa' fuq kif tkun l-atmosfera tal-Milied gewa Malta f'dawk iz-zminijiet. Imma ma damux wisq jithaddtu bejnithom ghaliex ragel pulit ma' martu resqu fuqhom u bl-edukazzjoni kollha qalilhom bl-ingliz: " Dear ladies, could we have a place on this table, as all other seats are occupied?"

U wegbitu Elenora; “ Of course. Why not?”

U kompliet zijitha bid-dahqa: “ The more the merrier, especially in these days.”

(Inkomplu bil-malti dak li ntqal bejnithom)

“Jien Philip, Philip East,” qal Philip. Filwaqt li dawwar harstu l-ewwel lejn Jane imbaghad lejn Elenora  kompla: “ U din hija marti ……” Kulhadd hareg idu biex jiehu b’idejn xulxin filwaqt li Elenora ntroduciet ruhha: “ Jiena Elenora Saliba, minn Malta u din hija ziti Jane, toqghod hawn Londra.”

Philip staqsa lil Elenora : “ Kif minn Malta tinsab Londra? Forsi gejt tqatta’ xi jiem ta’ vakanzi ghand iz-zija?”

“Le. Jiena studenta fil-kors tal-medicina wara li ggradwat tabib. Qed noqghod ghand iz-zija matul il-kors gewwa l-Universita’ ta’ Oxoford.”

“Prosit, prosit,” inkoraggiha Philp. “ Jiena professur konsultent f’wiehed mill-isptarijiet tan-National Health Scheme, ejja nghidu li kont ghaliex issa iritrajt u kull ma bqajt naghmel huwa xi ftit sighat konsulenza. Ghandi tlett itfal, il-kbira manager ta’ bank, iz-zghira spizjara u l-fustani, Thomas ghaddej b’kors gewwa Oxford. Min jaf forsi iltqajt xi darba ma’ ibni!” U kif qal hekk hareg kartiera u wera’ lil Elenora ritratt ta’ Thomas.

Kif rat ir-ritratt Elenora poggiet idha ma’ halqaha biex tmewwet ghajta ta’ staghgib li harbitilha. “ Tafu, jaqaw?”

“Zgur li nafu, u nkellmu kuljum qabel ma kulhadd jitlaq ghar-rasu. Guvni qalbu ferm tajba u li kieku ma kienx hu li gheni fl-

ewwel jiem tieghi gewwa l-Universita’ ma nafx kif kont ser norjenta’ ruhi. Kont imhassba hafna.”

It-tahdita hadet xejra ta’ taghrif kif ikun celebrat il-Milied f’Malta, b’Elenora tispjega l-uzanzi u l-kostumi taghna l-Maltin lill-Professur u lil martu.

“Zi ahjar nahsbu ghax donnu gej fuqna xi maltemp kbir. Ara xi jberraq .”

“La thabblu raskom xejn. Issa nwassalkom jien. Ghandi l-karrozza fil car park u ma ghandu jkun hemm problema ta’ xejn.”

Kien ikun att ta’ nuqqas ta’ edukazzjoni li kieku Elenora u zijitha kienu jirrifjutaw l-invit li jwassalhom sad-dar billi dak il-hin infethu bwieb is-smewwiet.

Qabel ma nizlu mill-karrozza l-professur tahom biljett di visita u talabhom biex fit-22 ta’ Dicembru jmorru sad-dar tieghu jiehdu drink tal-Milied.

Kif kienu miftehmin Elenora flimkien maz-zijiet taghha waslu ghandi l-Professur. Kellu dar sabieha hafna b’entratura miftuha u kbira b’tarag tond tiela ghal fuq. Hdejn it-tarag kien hemm sigra kbira tal-Milied kollha dwal iteptpu u mdawra bir-rigali. Il-professur li kien qed jistenniehom, mar jaghtihom merhba u ntroduciehom mat-tfal tieghu.

X’hin Thomas ra lil Elenora baqa’ mistghageb imma missieru spejgalu kollox.  Poggew fuq is-sufan u l-qaddejja bdew iservu l-ikel u xorb u kulhadd beda’ jghid tieghu. Naturalment Elenora u Thomas iffukaw fuq l-istudji taghhom bit-tnejn jistqarru li kellhom rizultati tajbin hafna.

Din l-ewwel laqgha bejn Thomas u Elenora kienet x-xrara li minnha nibtet l-imhabba bejnithom. Billi fi zmien gimgha kellha tibda l-vakanzi tal-Milied mal-familja taghha, stednitu biex jakkumpanjha Malta ghandi l-familja tieghu. Thomas ma qalx le u filghaxija stess cemplet lill-genituri taghha li kienet ser tinzel Malta, mhux wahedha, izda ma' Thomas.

Thomas ha pjacir jigri ma' Elenora u l-vakanza tieghu kienet wahda pjacevoli. Meta rritornaw lura biex ikomplu bl-istudju taghhom fl-Universita' anqas lahqu ghaddew hmistax li Thomas ma cempilx lil Elenora u talabha biex il-Hadd filghaxija jiltaqghu fil-Pub. "Nigi ghalik bil-karrozza."

Hemm fil-pub talabha biex wara l-istudju jizzewgu. Ma kienitx tistenna talba bhal din u qaltlu: " Nixtieq ftit taz-zmien biex naghtik twegiba. Ifhem li jiena noqghod Malta u inti ma tixtieqx thalli art twelidek."

"Fuq daqs hekk nifhmek imma mhux ser naraha bi kbira biex nigi nghix mieghek Malta. Hu z-zmien tieghek, imma ittinix risposta negattiva."

Meta marret lura ghand zijitha u rrakontatilha dak li sehh fil-pub, zijitha ghamlitilha l-kuragg u qaltilha: "Guvni sew Thomas. Li kont minnek ma nitilfux, jekk ghandek grazzja mieghu. Ghandu xoghol stmat daqs tieghek meta tmur lura Malta. Hu jsib xoghol zgur hemm. Imma parir wiehed naghtik l-ewwel spiccaw l-istudji, it-tnejn li intom."

Iz-zmien ghadda, hadu l-lawrija t-tnejn u zzewgu Malta u f'Malta baqghu joqghodu gol-villa li bnielhom missierha. Elenora kompliet tahdem fl-isptar ta' l-istat u Thomas sab

postu gewwa sptar privat.  Il-familja kompliet tissahhah u tikber bil-migja ta’ tarbija tifel li semmewh Natan.

Jum wiehed habib missierha, Toni, kuntrattur bhalu, talbu pjacir. It-tifel ta’ huh kien qed jilghab u dahhal xi frak tal-hadid f’ghajnejh. Billi Thomas kien tabib ta’ l-ghajnejn Toni xtaq li kieku jarah hu. U dak il-hin stess Thomas rah fil-klinika privata tieghu u bil-pacenzja kollha naddafflu ghajnejh.

Xi jumejn qabel il-Milied, Elenora giet mitluba biex taghmel zjara lil wiehed marid. Kien ragel mixhut fuq sodda jokrob bl-ugigh f’dahru. “Xejn gravi, izda trid tiehu dawn il-pilloli u wara gimgha ghandek terga tiehu sahhtek. Tista’ izzid pillola tal-paracetamol bejn doza u ohra jekk thossok mugugh hafna. Strieh fis-sodda.”

“X’ghandi ntik?” staqsiet martu lit-tabib. Minn dak li rat malli dahlet indunat li l-mara ma tantx setghet thallas u ghalhekk wegbitha: “ 4 euros.” “Jekk intik 2 u l-gimgha d-diehla ingiblek il-kumplament jimporta? Ghax xtaqt nixtri biccejtn hobz ghat-tfal.”

“F’dan il-kaz ittini xejn u bihom ixtri dak li ghandek bzonn. U kif ser taghmel biex tixtri il-medicina?”

“Ma nafx. Issa naraw.”

“ Ara halli jsiru l-ghaxra halli nkun ilhaqt dhalt fil-klinika, u ejja hemm biex tigbor il-medicina. Issa insiblek xi haga fil-klinika.”

“F’hajjietek, dott,” qaltilha l-mara donna nehhiet ghoqla minn fuqha.

F’jum il-Milied, missier Elenora stieden lil bintu flimkien ma’ Thomas u Natan u l-bqija tal-familja biex jghaddu gurnata d-dar tieghu.  Partu r-rigal kif inhi l-uzanza qabel l-ikla tal-Milied u kulhadd intefa’ jiekol u jixrob kemm jiflah ghax il-Milied darba fis-sena jigi. Imbaghad wara li kielu u xebghu dahlu  fis-salott hdejn is-sigra tal-Milied, intasbu fuq is-sufan jistennew il-kafe jew xi liquer gosti taghhom.

“Pa, tassew ikla tajba kienet din. Nahseb ghandi xi jumejn ma nerga’ immiss l-ikel ma’ halqi, “ qaltu Elenora.

“Kellu bzonn kulhadd kien bhalna,” wegibha missierha.

“imma mhux kulhadd hekk, missier,” qaltlu bintu. “Il-foqra ta’ madwarna nieqsa minn kollox.”

“U foqra, x’foqra hawn, taparsi foqra u tarahom imorru jaghmlu difrejhom, jmorru t-tombla jilghabu l-lottu…” qabez fin-nofs missierha.

“Pa hawn foqra li anqas biss ghandhom x’jieklu. Iltqat ma’ familja fqira propju jumejn ilu li ma kelliex x’tiekol. Anqas biss hadtilha flus u tajtha l-medicina b’xejn. Aqta x’nixtieq , pa? Ghandek xi post ta’ xoghol vojt fil-kumpannija tieghek ghal bniedem li safa bla xoghol?”

“Mela jiena l-Labour Office!” qalilha Missierha bic-cajt

“Ftit tal-hniena missier. Il-pazjent li mort rajt jumejn ilu bla xoghol u l-familja tieghu anqas biss ghandha biex titrejjaq.”

Missierha qaghad jahsibha ftit, qabad it-telefon u …” Ton, ghandi bzonn pjacir.. Iva jew le.”

“Mela jiena nista nghidek le lilek jekk inhu possibbli.”

“Insiblek li post ta’ sewwieq ta’ xi truck jew karozza ghal wiehed bla xoghol?”

“Imma dan ta’ min jafdah?”

“Ma nafx. Qaltli bih it-tifla Elenora. Ara ghidli meta jigi jkellmek u kkonkludi inti.”

“Tajjeb ibghatuli id-diehla ghaliex bhalisssa bix-shut down u narah. Ghidlu jistaqsi ghalija.”

“Tajjeb hafna Ton. Imbaghad inkellmek ghax naf li dan il-hin ma hux mument adattat imma l-karita’ ma hemmx hinha.”

Kiteb xi haga fuq karta u taha li bintu biex tohodiehlu. “Tajjeb missier ejja nohdulu ftit ikel u helu milli fadal u fl-istess hin naghtuh l-ahbar it-tajba.”

“Ikel u helu!” stghageb missierha.

“Ghaliex le? Ghadek kemm ghidt lil Toni li l-karita’ ma ghandiex hin. Issa daqshekk helu, pa, ghax hazin ghal sahhtek”

U Elenora marret fuq ommha u talbitha tqassam go kontenituri tal-pastik xi ikel u helu. “Aqbad missier u hu f’idek. Ejja mmorru.”

Meta rritornaw id-dar, ommha staqsietha: “ Kif mortu?”

“Saqsi lill-pa. Trid tara kemm hadu pjacir it-tfal iduru ma’ l-ikel u xejn inqas missierhom u ommhom. Imma l-aktar il-missier li sar jaf li sab post iehor tax-xoghol li minnu jista’ jmanti l-familja.”

Kemm hassewhom kuntenti Elenora u missierha li taw flok ircevew ghax tassew huwa minnu dak l-ghajdut li ahjar tati milli tircievi.